MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 28/2002

**Emanuel Lia**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-26 ta' Settembru 2002 a fol. 1 fejn gie premess:-

1. Illi b'decizjoni tat-13 ta' Settembru 2002 il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet **"Emanuel Lia vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (ara Dok. "EL1" anness) iddecieda li "*peress illi llum stess dan il-Bord qed jichad l-appell mir-rifjut tal-applikazzjoni numru PA 4072/00, il-Bord qed jichad l-appell, jikkonferma l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq u qed jordna li l-avviz ta' Twettieq jigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnata mill-lum*" u

dan fir-rigward ta' allegat garaxx gewwa tal-Harrieq, Triq ix-Xghajra, Zabbar.

2. Illi l-esponent ihossu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed jinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest ghaliex id-decizjoni appellata hija kompletament ibbazata fuq decizjoni ohra tal-istess Bord, liema decizjoni giet ukoll appellata quddiem din l-Onorabbli Qorti *stante* li l-esponent hassu wkoll aggravat mill-istess decizjoni. L-esponent umilment qieghed ghal kull buon fini jirriproduci l-aggravji tieghu mressqa quddiem din l-istess Onorabbli Qorti fl-appell imsemmi:-

*"(a) Illi b'decizjoni tat-13 ta' Settembru 2002 il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet* ***"Emanuel Lia vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"*** *(ara Dok "EL1" anness) iddecieda li jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess ghall-izvilupp ghall-'sanctioning of shed roofed with corrugated sheets used as store for trade tools' gewwa Tal-Harrieq, Triq ix-Xghajra, Zabbar, liema rifjut kien inghata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp.*

*(b) Illi l-esponent ihossu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed jinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*(c) Illi l-ewwel aggravju tal-apellant huwa car u manifest ghaliex filwaqt li l-applikazzjoni tal-esponent saret ghal sanzjonar aktar specifikatament 'sanctioning of shed roofed with corrugated sheets used as store for trade tools' il-Bord iddecieda li jirrifjuta permess ghal struttura gdida li ser tinbena flok dik ezistenti. Il-kliem ezatt uzat mill-Bord ta' l-Appell fid-decizjoni tieghu kien "il-Bord jista' jikkostata bhala fatt illi huwa minnu li hdejn din il-kamra temporanja hemm razzett u li allura l-istruttura l-gdida li se tirrimpjazza din l-istruttura temporanja se tkun tmiss mar-razzett." Il-kumplament tad-decizjoni tal-Bord tirrizulta, bir-rispett kollu, kollha zbaljata ghaliex il-Bord jibqa'*

*jippersisti li l-esponent kien japplika ghal zvilupp mhux ezistenti u dan johrog minn frazijiet bhal "qed jigi propost li jissaqqaf fuq tlettax-il filata" kif ukoll illi "se jkun gholi hafna ghal store agrikolu. Ghalhekk id-decizjoni tal-Bord tippekka stante li l-Bord tal-Appell iddecieda fuq xi haga li ma gietx mitluba mill-istess appellant.*

*Huwa car mill-applikazzjoni tal-esponent li qatt ma kien hemm l-intenzjoni li l-istruttura li hemm bhalissa fuq is-sit tigi rimpjazzata bi struttura ohra izda biss li l-istruttura ezistenti tigi sanzjonata ghaldaqstant jirrizulta li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell hija 'extra petita' u konsegwentement nulla.*

*(d) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni aggravju tal-appellant huwa car u manifest stante li d-decizjoni tal-Bord dwar l-Ippjanar ma tipprovdix konkluzjoni definittiva tal-mertu tal-appell in kwistjoni. L-esponent umilment jissottometti li dan l-aggravju jitratta punt ta' ligi deciz mill-Bord u f'dan il-kuntest jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell bl-ismijiet **"Charles Casha vs Awtorita' tal-Ippjanar"** (Appell Nru. 240A/97, 6 ta' Mejju 1998) fejn fl-istess sentenza l-Qorti tal-Appell accennat li jekk decizjoni tal-Bord tal-Appell ma tkunx cara u konsegwentement incerta fil-konkluzjonijiet taghha allura l-Qorti tal-Appell ghandha l-gurisdizzjoni li tirrevedi l-validita' tal-istess.*

*Bir-rispett kollu, d-decizjoni appellata tasal ghal zewg konkluzjonijiet totalment opposti ghal xulxin bir-rizultat li tikkreja ncertezza u dan bi pregudizzju tal-esponent. Min-naha l-wahda l-Bord tal-Appell iddecieda li l-istruttura ezistenti hija wahda temporanja. Dan jirrizulta minn varji partijiet tad-decizjoni fejn fost ohrajn il-Bord tal-Appell jghid illi "l-appellant wera lill-Bord l-ingenji tar-raba' illi huwa kellu li kien qed jahzen fl-istore temporanju li bhalissa ghandu." L-esponent umilment jissottometti, kif jidher ukoll li qed jigi accettat mill-Bord tal-Appell fis-sentenza appellata illi struttura temporanja li tkun tista' facilment titnehha ma hix kunsidrata bhal zvilupp. Taht l-Att dwar l-Izvilupp, Kap. 156 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Awtorita' tal-Ippjanar ghandha biss il-poter li tohrog il-*

*permessi fuq dak kollu li jikkwalifika bhala zvilupp izda mhux fuq affarijiet ohrajn li ma jikkwalifikawx bhala zvilupp. Ghaldaqstant il-konsegwenza ta' din il-konkluzjoni tal-Bord tal-Appell kellha tkun illi l-Bord tal-Appell jiddikjara li ghall-istruttura in kwistjoni ma hemmx bzonn ta' permess ghall-izvilupp. Isegwi wkoll illi ladarba din l-istruttura temporanja ma taqax taht il-kompetenza tal-Awtorita' tal-Ippjanar allura l-istess Awtorita' ma kellhiex il-poter bil-ligi li tohrog l-avviz biex tieqaf u ta' Twettieq fuq is-sit koncernat f'dan l-appell. L-appell minn dan l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq gie deciz fl-istess data tas-sentenza appellata koncernata f'dan ir-rikors. Appell quddiem din l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell mid-decizjoni tal-Bord tal-appell odjern. Min-naha l-ohra l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, fl-istess sentenza, iddecieda li jikkunsidra l-applikazzjoni tal-esponent bhala wahda li tikkoncerna zviluppp li ghad irid isir u ddecieda li jirrifjuta l-permess sabiex dan l-izvilupp ikun jista' jsir mill-esponent. Bir-rispett kollu, johrog car minn dak kollu suespost f'dan il-paragrafu li z-zewg konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar jikkontradixxu lil xulxin u li ma jistghux ragonevolment jikkoezistu fl-istess sentenza. Is-sentenza ma hix cara fuq il-punt jekk l-istruttura llum ezistenti ghandhiex tibqa' hemmhekk jew le u dan jinfluwixxi wkoll fuq id-decizjoni tal-istess Bord fuq l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar kontra l-istess esponent, ghal liema avviz gja' saret referenza aktar 'il fuq f'dan ir-rikors. Konsegwentement id-decizjoni appellata tippekka stante li hija kompletament priva minn element essenzjali rikjest ad validitatem mill-ligi li huwa dak li permezz ta' sentenza trid tinghata konkluzjoni finali u definittiva ghall-kwistjoni. Certament, bir-rispett kollu, ghall-finijiet ta' gustizzja d-drittijiet tal-esponent ma jistghux jithallew fil-limbu ta' ncertezza kkreata mid-decizjoni appellata.*

*Illi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 789 jipprovdu illi:-*

*"(1) L-eccezzjoni ta' nullita' tal-atti gudizzjarji tista' tinghata – (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mill-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita' kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi".*

*Illi minhabba l-incertezza tad-decizjoni appellata l-esponent qed isofri pregudizzju stante li d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet rispettivi fil-kuntest tal-litigazzjoni ma gewx konkretati. Ghaldaqstant l-esponent umilment jissottometti li l-kaz odjern jinkwadra ruhu fid-dispozizzjoni tal-ligi hawn fuq ikkwotata b'konsegwenza li d-decizjoni appellata hija nulla u bla effett.*

*Illi wkoll jigi umilment sottomess li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, skond il-ligi, mhix kompetenti sabiex hi stess tissana d-decizjoni tal-Bord tal-Appell u b'hekk l-unika soluzzjoni ghall-Qorti tal-Appell hija li tiddikjara n-nullita' tad-decizjoni.*

*(e) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tielet aggravju tal-appellant huwa car u manifest ghaliex fid-decizjoni tieghu l-Bord tal-Appell iddecieda punt ta' ligi hazin meta ddikjara li jekk jinhareg il-permess lill-esponent, il-Bord tal-Appell ikun marbut bil-precedent li jigi kkreat. Bir-rispett kollu, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma jistax fid-decizjoni kontra l-esponent jiddeciedi li huwa bhala Bord jkun marbut bil-precedent meta f'diversi decizjonijiet ohra tal-Bord l-istess Bord iddecieda l-oppost. Il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar uza dan l-argument bhala raguni ghar-rifjut tal-permess mitlub mill-esponenti u ghaldaqstant stante li r-ragunament innifsu tal-Bord huwa zbaljat jirrizulta wkoll illi d-decizjoni shiha tal-Bord tippekka fil-ligi u hija konsegwentement nulla.*

*Ghaldaqstant, l-appellant filwaqt illi jaghmel referenza ghall-provi gja' prodotti u jirriserva li jgib provi ohra skond il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha, tiddikjara nulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-13 ta' Settembru 2002, fil-kaz fl-ismijiet* ***"Emanuel Lia vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"*** *(PAB 149/01 KA) u / jew fin-nuqqas tirrevoka,*

*thassar u / jew tannulla d-decizjoni appellata in kwantu cahdet l-appell u kkonfermat ir-rifjut tal-permess u tordna li l-process relattiv jintbaghat lura mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar sabiex dan jiddeciedi l-kwistjoni skond il-Ligi."*

Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost fl-eventwalita' li d-decizjoni fl-ismijiet **"Emanuel Lia vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (PAB 149/01 KA) tigi dikjarata nulla u bla effett minn din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq esposti jsegwi li ladarba d-decizjoni appellata permezz tar-rikors odjern tibbaza fuqha allura din ukoll tkun nulla u bla effett fil-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jirrizulta wkoll ghar-ragunijiet esposti fir-rikros tal-appell ikkwotat illi d-decizjoni appellata ma tistax tkun definittiva qabel ma jigi deciz l-appell hawn fuq imsemmi *stante* wkoll li tezisti l-possibbilta' li l-istruttura in kwistjoni ma tikkwalifikax bhala zvilupp bil-konsegwenza li lanqas seta', skond il-ligi jinhareg avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq fuq is-sit in kwistjoni.

Ghaldaqstant, l-appellant filwaqt illi jaghmel referenza ghall-provi gja' prodotti fil-process ta' dan l-appell u ghall-provi prodotti u li ser jigu prodotti matul is-smiegh tal-appell fl-ismijiet **"Emanuel Lia vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (PAB 149/01 KA) u filwaqt ukoll li jirriserva li jgib provi ohra skond il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha, tiddikjara nulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-13 ta' Settembru 2002, fil-kaz fl-ismijiet **"Emanuel Lia vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (PAB 238/00E KA) u / jew fin-nuqqas tirrevoka, thassar u / jew tannulla d-decizjoni appellata in kwantu cahdet l-appell u kkonfermat l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq u ordnat li l-avviz ta' Twettieq jigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnata u tordna li l-process relattiv jintbaghat lura mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar sabiex dan jiddeciedi l-kwistjoni skond il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Awtorita' appellata.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 7 u 8 tal-process;

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol. 10 sa 15 tal-process:-

1. Illi fil-kaz odjern l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kienet harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq numru 603/00 *stante* li l-appellant kellu garaxx wara razzett minghajr permess f'sit ta' Triq ix-Xghajra, Zabbar. L-appellant appella mill-hrug ta' dan l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (PAB238/00E KA), u ghamel ukoll applikazzjoni sanatorja Awtorita' tal-Ippjanar 4072/00, li giet rifjutata kemm mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp kif ukoll mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (PAB238/00 KA).

2. Illi peress illi kienu jitrattaw l-istess sit dawn iz-zewg appelli, (u cjoe' PAB238/00 rigward l-applikazzjoni sanatorja u PAB 238/00E rigward l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq) imxew flimkien. Illi galadarba l-Bord kien cahad l-appell li sar mir-rifjut li tat il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp dwar l-applikazzjoni sanatorja li kienet tirrigwarda x-xoghlijiet imsemmijin fl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq odjern, tali zvilupp kien ghadu mhux kopert b'permess u ghaldaqstant il-Bord ma kellux ghazla ohra x'jaghmel ghajr dik li jichad l-appell interpost kontra l-hrug ta' tali Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq.

3. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir skond l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' Zvilupp (Kap. 356)** li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Nferjuri)."*

Fil-fatt huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' dina l-Onorabbli

Qorti, fosthom fis-sentenza **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), fejn spjegat li:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi …. Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Dan l-insenjament kien konfermat f'diversi sentenzi ohra fosthom **"Zaren Camilleri vs Awtorita' tal-Ippjanar"** (Decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 – Qorti tal-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:-

*"Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cjoe' l-Artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp) li l-gurisprudenza li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' ligi jkun ammissibbli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor, biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece jrid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bordikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta."*

L-istess insenjament kien kif ukoll f'sentenza ricenti u cjoe' **"Delicata vs Awtorita' tal-Ippjanar"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 2002 – Appell numru 165/97 – Qorti tal-Appell) fejn dina l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord u jippretendi li din il-Qorti tal-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*Evidentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti w interpretazzjonijiet ta' 'policies' li ma jirrisolvux ruhhom f'punti ta' dritt. Kif diga' ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti."*

Illi l-Bord iddecieda dan l-appell fuq applikazzjoni tal-*policies* kontenuti fil-Pjan ta' Struttura, liema applikazzjoni hija finali u fuq premess ta' fatt li rrizultaw mill-access li dar mill-membri tal-Bord u mill-pjanti pprezentati mal-applikazzjoni, kif ukoll minhabba li l-ghoti tal-permess seta' jinfluwixxi fuq il-formulazzjoni tal-Pjan Lokali relattiv, u l-ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet ma tammonta ghal xi punt ta' ligi li minnu seta' jsir dan l-appell.

Illi fil-kaz in ezami l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecieda l-ebda punt ta' ligi izda sempliciment iddecieda li galadarba l-izvilupp in kwistjoni ma kienx kopert b'permess, allura kien illegali u l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq in kwistjoni kellu jibqa' in vigore. Ghaldaqstant l-ebda punt ta' ligi ma gie deciz mill-Bord u ghalhekk l-ebda wiehed mill-aggravji tal-appellant ma jirrigwardaw punt ta' ligi deciz mill-Bord kif tirrikjedi l-ligi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi l-Bord kien ghaqli bizzejjed illi l-ewwel iddetermina l-applikazzjoni sanatorja fuq il-merti taghha, ghaliex li kieku l-Bord accetta l-appell mir-rifjut tal-applikazzjoni sanatorja, allura l-izvilupp in kwistjoni kien ikun kopert b'permess. Kien jaghmel sens illi l-Bord l-ewwel jiddetermina l-appell mill-applikazzjoni sanatorja u wara l-appell mill-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq, u jaghmel sens ukoll il-fatt illi fl-appell mill-Avviz il-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu fuq ir-rifjut precedenti li kien ta fl-appell mill-applikazzjoni sanatorja.

5. Illi fir-risposta ghall-Appell numru 27/02 (PAB149/01 KA) fl-ismijiet **"Emanuel Lia vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tat ir-ragunijiet taghha ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tilqa' dak l-appell u tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar f'dak il-kaz.

6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, ma jsegwix illi, anke fl-eventwalita' illi dina l-Onorabbli Qorti taccetta l-appell tal-appellant fl-Appell numru 27/02 (PAB149/01 KA), li d-decizjoni appellata f'din il-kawza hija necessarjament u awtomatikament nulla u bla effett fil-ligi kif jippretendi l-appellant. Fil-fatt, jekk fl-appell 27/02 (li jirrigwarda l-appell mill-applikazzjoni sanatorja), dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-appellant u tiddeciedi li thassar, tirrevoka jew tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li rrifjuta li appell li sar quddiemu mir-rifjut li att il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp dwar l-applikazzjoni sanatorja, l-appellant xorta ma jkollu l-ebda permess li jkopri x-xoghlijiet f'idejh. F'dik l-eventwalita', l-atti sempliciment jergghu jirritornaw quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar biex dan jerga' jisma' l-appell, izda b'daqshekk ma jkun inhareg l-ebda permess.

7. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fil-paragrafi precedenti, ghar-ragunijiet esposti fir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghall-appell numru 27/02 (PAB149/01 KA), jinghad illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kienet awtorizzata illi tohrog tali Mandat *stante* li x-xoghlijiet in kwistjoni kienu jikkostitwixxu zvilupp skond l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, u ghaldaqstant kien jehtieg permess mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi ghal kull buon fini, sejrin jigu ripetuti r-ragunijiet imsemmijin fl-appell numru 27/02 (PAB149/01 KA) ghaliex tali xoghlijiet kienu jikkostitwixxu zvilupp:-

*"Dwar il-mertu ta' dan l-aggravju jinghad illi wiehed ma jistax jifhem b'liema ragunament l-appellant qed*

*jikkonkludi li strutturi temporanji ma jikkostitwixxux zvilupp ai termini tal-Artikolu 30 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp. Din id-dispozizzjoni fl-ebda parti taghha ma taghmel xi eccezzjonijiet ghal xi strutturi temporanji.*

*Inoltre lanqas ma jista' jinftiehem kif l-appellant l-ewwel qed jghid li l-istruttura tieghu hija wahda temporanja li tista' titnehha facilment, u fl-istess hin applika sabiex tali struttura, tigi sanzjonata!*

*Kif diga' nghad, mhuwiex minnu li l-Bord iddecieda li jikkunsidra l-applikazzjoni bhala wahda li tikkoncerna zvilupp li ghad irid isir. Din il-konkluzjoni hija wahda bla bazi u ma ssib l-ebda riskontru ragonevoli fis-sentenza appellata. Ghaldaqstant ma hemm l-ebda kontradizzjoni fid-decizjoni tal-Bord illi sempliciment iddecieda, ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza appellata, illi l-applikazzjoni ghas-sanzjonar tal-istruttura ezistenti ma setghetx tintlaqa'."*

In vista tal-premess, l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja' prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata tlettax (13) ta' Settembru 2002 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Emanuel Lia, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-tlettax (13) ta' Settembru 2002 bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 28 t'Ottubru fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Emanuel Lia vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2003 fejn il-partijiet inghataw il-fakolta' li jipprezentaw nota t'osservazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Lia datat l-1 t'April 2003 fejn talab aktar zmien sabiex jipprezenta n-nota tieghu.

Rat il-verbal tas-7 t'April 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba tar-rikors tal-appellant tal-1 t'April 2003 u estendiet it-terminu ghall-prezentata tan-nota t'osservazzjonijiet tieghu b'erbghin (40) gurnata ohra bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu wkoll l-istess terminu biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 12 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant Emanuel Lia datata 7 t'April 2003 a fol. 24 u 25 tal-process, u dik responsiva tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-11 ta' Novembru 2003 a fol. 26 sa 28 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok l-aggravji tal-appellanti f'dan l-appell huma l-istess medesimi li gew trattati fl-appell fl-ismijiet **"Emanuel Lia vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" (Rikors Numru 27/2002)** li gie ukoll deciz illum 12 ta' Jannar 2004 u ghalhekk issir riferenza ghall-istess konsiderazzjonijiet fejn wara li din il-Qorti hasset li tali aggravji huma punti ta' dritt abbazi tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** u ghalhekk anke hawn qed tigi michuda l-eccezzjoni preliminari tal-appellati dwar l-istess **artikolu 15 (2) tal-Kap 356** ghall-istess ragunijiet, mbaghad ghaddiet biex cahdet it-tliet aggravji tal-appellanti fil-mertu u dan peress li:-

### (I) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-EWWEL AGGRAVJU.

Illi l-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-kwistjoni fuq zvilupp li kien ghadu ma jezistix meta in effetti l-applikazzjoni tal-

appellanti kienet titratta dwar sanzjonar ta' *"shed roofed with corrugated sheets used as a store for trade tools."*

Illi in verita' jirrizulta li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ittratta l-izvilupp deskritt mill-Perit Martin Saliba ghall-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp konsistenti *"for the sanctioning of shed roofed with corrugated sheets one storey used as a garage truck and building trade tools. The existing site area of approximately 46.92 sq.m. with a maximum height of 13 courses".* Dwar dan l-appellant ma jidher li gab l-ebda oggezzjoni quddiem il-Bord dwar l-istess deskrizzjoni tant li fl-appell tieghu stess quddiem l-imsemmi Bord l-appellant odjern issottometta li *"din l-applikazzjoni tikkoncerna s-sanzjonar ta' kamra bis-saqaf taz-zingu ……. u dan avolja temporanjamement dina l-kamra qed tintuza sabiex jigi ipparkjat trakk ……..."*

Illi minn qari akkurat tal-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jirrizulta li l-istess Bord addotta u kkonferma r-ragunijiet kollha li wasslu ghar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellanti mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, kollha fuq punti teknici, fattwali u ta' *policies,* u wkoll approva r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-organi tal-Awtorita' kollha citati fl-istess sentenza, u dan apparti li l-membri, anke teknici tal-Bord accedew fuq is-sit u zvilupp mertu tal-proceduri quddiemhom li ma jhallu l-ebda dubju li l-unika konstatazzjonijiet li saru kienu riferibbli ghall-izvilupp ezistenti tal-appellanti li bl-applikazzjoni tieghu ttenta jissanzjona, u certament li l-aggravju tal-appellanti f'dan il-kuntest ma huwiex biss mhux fondat, izda addirittura vessatorju.

**(II) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IT- TIENI AGGRAVJU.**

Illi dan huwa fis-sens li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ghandha motivazzjoni konfliggenti peress li qal li Bord l-ewwel qal li kien qed jikkonsidra struttura temporanja u rrifjura l-permess meta tali struttura ma tammontax, dejjem skond l-appellanti, ghal zvilupp; imbaghad ikkonsidra l-applikazzjoni tieghu fil-kuntest ta' zvilupp li ghad irid isir liema zvilupp lanqas kien quddiemu.

Illi din il-Qorti thoss li l-argumentazzjoni, jekk tista' tissejjah hekk, tal-appellanti hija kompletament bla bazi u frivola, *stante* li jidher car li din is-sottomissjoni ma tirrispekkja bl-ebda mod il-motivar tal-istess decizjoni li kienet ibbazata fuq l-istruttura ezistenti li r-rikorrenti stess talab li l-bini taghha bis-saqaf attwali taz-zingu jigi sanzjonat; il-premessa li tali struttura ma tikkostitwixxix zvilupp hija wkoll frivola *stante* li tali binja, temporanja jew le, tikkostitwixxi zvilupp skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 30 tal-Kap 356**. Mill-bqija jirrizulta li l-istess Bord ha in konsiderazzjoni biss il-bini indikat mill-apppellant kemm fl-applikazzjoni tieghu u kemm *in situ,* u r-riflessjonijiet kollha tal-Bord huma diretti lejn l-istess u lejn id-dokumenti sottomessi mill-istess appellanti quddiemu, skond id-diskrezzjoni tal-izvilupp indikati b'mod car fl-istess decizjoni tal-Bord u f'din is-sentenza, u dan anke jekk wiehed jipprexindi mill-konfuzjoni dwar l-uzu tal-istess ambjenti li tohrog mis-sottomissjonijiet tal-appellanti li jitfghu dubju serju dwar il-vera uzu tal-istess ambjenti. Dan l-aggravju huwa ghalhekk insostenibbli u wkoll infondat u jidher li l-appellant qed jipprova jilghab bil-kliem *stante* li tali aggravju huwa manifestament bla bazi.

**(III) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IT-TIELET AGGRAVJU.**

Illi t-tielet aggravju huwa fis-sens li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-ligi hazin ghaliex ir-raguni ghaliex l-applikazzjoni tal-appellant giet michuda kienet peress li l-istess Bord fid-decizjoni tieghu sostna li ma riedx johloq precedent, meta skond l-appellanti dan mhux legalment korrett ghaliex il-Bord stess kemm-il darba ddecieda l-oppost u ghalhekk ma huwiex marbut bl-ebda precedent.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan l-argument huwa frivolu ghaliex kull ma qal l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien biss li adotta w approva s-sottomissjonijiet tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar illi l-ghoti tal-permess mitlub f'sit li jinsab barra miz-zona ta' l-izvilupp jista' jippregudika l-formulazzjoni tal-Pjan Lokali, anke ghaliex l-istess permess mitlub kien barra miz-zona ta' zvilupp.

Illi ghalhekk l-appell tar-rikorrenti fuq dawn it-tliet punti trattati wkoll fl-appell l-iehor imsemmi u deciz ukoll illum ghandhom u qed jigu michuda anke f'dan l-appell.

**<u>(IV) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IR-RABA' AGGRAVJU.</u>**

Illi dan l-aggravju huwa fis-sens li d-decizjoni appellata ma tistax tkun definittiva qabel ma jigi deciz l-appell l-iehor ghax jekk jintlaqa' li l-istruttura in kwistjoni ma tikkwalifikax bhala zvilupp allura ma setghax jinhareg Avviz tat-Twettieq.

Infatti din id-decizjoni titratta dwar appell li sar minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li kkonfermat l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq datat 29 ta' Mejju 2000. Saret applikazzjoni sanitorja ghall-istess zvilupp li giet rifjutata, u llum tali decizjoni giet ikkonfermata fl-appell fl-ismijiet premessi deciz ukoll llum u gja' ndikat f'din is-sentenza b'dan li l-pozizzjoni llum hija li l-istess zvilupp ma huwiex kopert b'permess u ghalhekk lanqas hemm lok u bazi ghaliex dan l-appell ma ghandux jigi wkoll michud *stante* li jirrizulta li l-appellant ghandu zvilupp bla permess u l-Awtorita' korrettament agixxiet *ai termini* tal-Ligi bil-hrug tal-istess Avviz imsemmi; illum ovvjament is-sitwazzjoni hija ghalhekk ben definita.

Illi r-riferenza ghad-decizjoni **"Philip Camilleri vs L-Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (A.C. 27 ta' Marzu 2003) tikkonferma dak kollu li nghad fis-sentenza fl-istess ismijiet premessi ta' dan l-appell ukoll deciza llum li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghandha tkun motivata u b'hekk biss tista' tkun decizjoni valida, ghalkemm meta zewg kawzi jinstemghu kontestwalment decizjoni wahda tista' taghmel riferenza ghad-decizjoni l-ohra, l-aktar bl-iskop li tigi evitata repetizzjoni bla bzonn.

Illi hekk jidher li gara fil-kaz odjern, anke peress li s-sottomissjonijiet maghmula huma identici, u dan apparti l-applikazzjoni tal-**artikolu 52 (11) tal-Kap 356**. Illum dan ukoll jidher definittivament sorvolat minhabba d-decizjoni fil-mertu dwar l-applikazzjoni ghall-istess zvilupp li giet

michuda u ghalhekk l-izvilupp tal-istess appellanti kien u ghadu bla permess.

Illi ghalhekkk l-appell tal-istess rikorrenti ghandu jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-Awtorita' appellata dwar l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356**, izda tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha fil-mertu kontenuti fir-risposta taghha tal-15 ta' Ottubru 2002, **tichad l-appell interpost mill-appellant fir-rikors tieghu tas-26 ta' Settembru 2002** bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt, u bla ebda bazi kwalunkwe u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Emanuel Lia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** tat-13 ta' Settembru 2002.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti Emanuel Lia.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------